*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 11**

**It-Tnejn 20 ta' April 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online minħabba it-tixird tal-Covid 19 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din il-laqgħa qed issir *online* u mhux bħas-solutu minħabba ċ-ċirkostanza li nqalet tal-Covid 19 u għaldastant *streaming* tagħha mhux ser jkun hemm hekk kif ħarġet id-direttiva f'din iċ-ċirkostanza.

11.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier il-Perit John Schembri u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa.

11.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 10 li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020:***

Il-Kunsillier s-Sur Patrick Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

11.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 10.3.3 ta' paġna 3 rigward il-karnival u xi żviluppi kien hemm.

Is-Sindku qal li l-Karnival Sajf din is-sena mhux ser jsir iżda l-Viċi Sindu xorta għaddejja f'diskusjonijiet fuq il-kwistjoni tal-flus li l-Kunsill jħallas lil *Festival Malta* għal din l-attivita`.

11.2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 10.7.14 ta' paġna 6 rigward l-*isleeping policeman* ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas jekk kienx hemm *update*.

Is-Sindku wieġbu li le.

11.2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt 10.7.17 ta' paġna 6 rigward il-ħaddiema li kellhom jiġu assenjati mal-LCA mill-kumpanija OZO jekk kienx intlaħaq ftejhim u jekk hux ser jiġu xi ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li fil-fatt ġew assenjati żewġ ħaddiema u li ser joborxu l-bankijiet is-suwed li hemm fi Triq is-Salini u jerġu jinżebgħhu mill-ġdid.

11.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

11.3.1 **Proposal for online learning to the elderly and all generations (35/1065/20/I)**

Is-Sindku preżenta komunikazzjoni mit-TCTC sabiex iniedu kors lil anzjani online ta' kif jużaw il-kompjuter u l-internet għal prezz ta €750.00

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kors ma jsirx.

10.3.2 **PA02451/20 Cafeteria plans by Villa Sant'Anna (35/1096/20/I):**

Is-Sindku spjega illi din hija applikazzjoni sabiex il-kamra agrikola li hemm ħdejn Villa Sant'Anna tinqeleb sabiex issir kafetterija.

Is-Sindku qal li dan kien hemm diversi applikazjonijiet fuqha u dejjem ġew rifjutati.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li skond rapport li kien ħareġ il-PA din l-art hija iddikjarata li għanda *ecological value* u taqa ukoll taħt *safe guarded area*.

Il-Kunsill qabel unanumament illi noġġezjonjaw għal din l-applikazjoni u anke ninfurmaw lis-Supretendent tal-Cultural Heritage.

- ***Il-Kunsillier Dr. Erol Cutajar daħal għal laqgħa fil-5.35pm***

11.3.3 **Tqassim ta' ikel lin-nies vunnerabli:**

Is-Sindku qal li din il-ġimgħa ġie avviċinat mil-eks President Marie Louise Coleiro Preca u talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġi imqassam ikel lin-nies vulnerabbli. Huwa qal li kkomunika mal-persuna li fit-*training centre* tal-kunsill li propju jaħdem man-nies vulnerabbli tas-soċjeta` pero` din il-persuna ma setgħetx tgħin. Huwa spjega li kellem persuna mid-djakonija imma ma setgħux jgħinu xorta u għaldaqstant bagħat lil ħaddiema tal-Kunsill sabiex jġibu l-15 il-kaxxa ikel u jqasmuhom propju huma. Huwa kompla jispjega illi fil-fatt mhux 15 il-kaxxa kien hemm iżda 42 kaxxa fejn tqasmu madwar 35 kaxxa għaliex l-oħrajn kellhom l-inidirzz ħażin u l-kuplament ser jittieħdu lura nhar it-Tnejn.

11.3.4 **Parkeġġ tal-iskola il-ġdida:**

Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Prinċipal fejn iddiskutu l-importanza illi l-insurance issir issa u jibda il-xogħol fuq il-parkeġġ għar-residenti issa kif l-iskola hija magħluqa. Huwa qal li l-insurance ser issir min-naħa tal-Kunsill.

11.3.5 **AUM Saden Group:**

Is-Sindku qal li rċevejna ittra mingħand iċ-Chairman ta' Sadeen Group fejn irringrazzja lil Kunsill u qal illi jekk il-Kunsill jkollu bżonn ta xi ħaġa inkelmuhom.

11.3.6 **Gaġġeġ tal-ħut mill-Kumpanija Mare Blue fil-Bajja ta' San Tumas:**

Is-Sindku qal illi filwaqt li din il-kumpanija irringrazzjat lil Kunsill talli ingħataw permess li jdaħlu il-gaġġeġ tat-tonn fuq l-art sabiex jissewwew u huma wrew ix-xewqa li jgħatu kumpenss f'vowċers tal-ikel għal-familji f'Marsaskala. Huwa kompla jgħid li dawn il-vowċers għandhom jingħataw lil Kappillan u jitqasmu minn għandu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qaliet illi meta kaxkru l-gaġġeġ tat-tonn għamlu ħsara fuq il-moll tal-Bajja San Tumas.

Is-Sindku qal li ser jikkomunika miegħu dwar dan.

11.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

11.5 ***Rapporti:***

11.5.1 **Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn Jannar sa Marzu 2020 (l-ewwel term):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport ta' kull kwart.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn Jannar sa Marzu 2020 u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

11.5.2 **Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 31 ta' Diċembru 2019:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien hemm xi aġġustament żgħar skond kif propost mil-awdituri u għadaqstant dan ir-rapport jkun jrid jerġa jitressaq għal approvazzjoni tal-Kusnill

Il-Sindku ppropona l-aġġustamenti tal-*fianancial statements* għas-sena 2019 u l-Viċi Sindku ssekondat. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

11.6 ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra.

11.7 ***Korrispondenza:***

11.7.1 **Aġġustamenti fil-varjanza tal-prezz tal-piling għall-bini tal-Kunsill (35/1100/20/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi it-talba fil-varjanza tal-piling tammonta għal €19,965 exc VAT. Huwa kompla jispjega illi l-Perit tal-kuntrattur qed jgħid illi l-*piles* għandhom jitħaxnu sabiex ma jfondux ħafna u anke jiżdiedu erbgħa *piles* oħra. Huwa kopla jispjega illi għalkemm fil-bidu ma kienx hemm qbil bejn il-perit tal-kuntrattur u l-perit tal-Kunsill, peress li finalment ir-responsabilita` tal-bini ser tkun tal-kuntrattur allura intlaħaq ftejhim illi l-piles jinħadmu skond il-perit tal-kuntrattur u għaldantstant titħallas id-differenza mill-Kunsill. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi il-prezz huwa ferm iktar baxx milli kif kien qed jiġi mitlub fil-bidu.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi mill-ġimgħa id-dieħa ser jibda ix-xoħol billi tinqala is-siġra li trid tinqalgħa.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-6.00pm***

- ***Intalbet is-sospenzjoni tar-regolamenti sabiex issib kollegament mal-Ministru Owen Bonnici.***

Il-Ministru Owen Bonnici beda biex jirringrazja lil Kunsill talli laqgħa l-istedina tiegħu sabiex issir laqgħa miegħu. Huwa kompla jgħid illi l-għan ta' din il-laqgħa huwa biex jisma il-messaġġi u l-proposti tal-Kunsill fi ħdan id-dekestaru tiegħu.

Il-Ministru Owen Bonnici spjega illi qedin issiru diskusjonijiet sabiex jintlaħaq ftejhiem biex il-plot il-kbir li hemm fuq wara tal-iskola l-ġdida fi Triq il-Lampuka jiġi tal-Gvern għal 50 sena sabiex isiru faċilitajiet sportivi mal-iskola, parti mill plot issir xi ħaġa tal-knisja filwaqt li jinbena ukoll maħżen għal affarijiet tal-festa. Huwa kompla jispjega illi ntlaħaq ftejim ukoll illi ċ-ċens li hemm jibda jieħdu ukoll il-Kappillan. Huwa kompla jgħid illi l-uniku ħaġa li għad fadal x'jintlaħaq ftejim fuqha hija t-talba sabiex ma titħallasx taxxa fuq din l-art u id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin.

Il-Ministru Owen Bonnici qal illi taħt id-dekasteru tiegħu jaqa ukoll żgħażagħ u sports, fejn qal li hemm ħafna skemi fejn wieħed jista japplika. Huwa talab ukoll il-kummenti tal-Kunsilliera rigward l-Universita Amerikana proposta fiż-Żonqor.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri beda biex jgħaddi il-kummenti tiegħu fuq l-AUM qal li hu ma jaqbliex mal-AUM jekk l-AUM ta' Bormla ma tkunx kompletament funzjonanti u stabbilita`. Huwa qal illi l-AUM ta' Marsaskala hija bħala parti addizjonali u mhux il-fulkru u dik hija xi ħaġa li trid tiġi diskussa ukoll. Huwa għalaq il-messaġġ illi l-ewwel irridu naraw kif ser jiżvolġu l-proġress tal-AUM ta' Bormla.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portalli qal li mhux favur din l-AUM fiż-Żonqor għaliex l-AUM ta' Bormla għadna ma laħqietx is-seċċessi tagħha. Huwa kompla jgħid illi tkun xi ħaġa sabiex li jiġi estiż il-park tal-Inwadar wieħed għandu jiddiskuti sew meta jintleħaq il-*peak* tal-AUM ta' Bormla.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon irringrazjat lil Ministru tal-laqgħa u qalet illi hija ma taqbiliex fl-iżvilupp tal-AUM fl-Inwadar u l-flus li ser jiġu investiti għandhom jintużaw sabiex tiġi irrenġata l-pixxina eżistenti li hemm u mhux jittieħed parti mil-pulmun ta' Marsaskala.

Saret diskusjonijiet fuq il-problema li kien hemm fil-grawnd tal-football tal-iskola meta waqa xi irmid tan-nar fil-grawnd u kien hemm bżonn ta' xi tindin. Sar ftejhim sabiex ngħaddu l-kuntatti tas-Sur Mifusd ħalli jsiru l-arranġamenti neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri beda biex jirringrazzja lil Ministru ta' din il-laqgħa u spjega lil Ministru illi l-Kunsill għamel dawl ġdid sabiex jinxtel aħjar fejn l-entratura tal-grawnd tal-futboll ta ħdejn il-*family park* għaliex kien hemm ħafna dlam. Fir-rigward tal-AUM huwa qal li ma jaqbielx ma dan il-proġett għaliex dan il-proġett fih ħafna *ripple effects* fejn ser tittieħed l-art minflokk jiġi estiż l-Inwadar, ser tittieħedl-art sabiex isir dormitorju fi Triq il-Blajjiet, ser tittieħed parti mil-bajja sabiex tinbena pixxina oħra, ser jiġi rilokat id-Dive Med Centre u għadhom ma jafux fejn ser isir, apparti ħafna problemi oħra infrastrutturali bħad-drenaġġ, traffiku u ħafna affarijiet oħra. Huwa qal illi l-impjant tar-riċiklaġġ għandu jiġi żarmat ftit tas-snin oħra u wieħed għandu jikkonsidra illi l-AUM issir hemm peress li l-*area* li hemm tar-riċiklaġġ hija kbira ukoll, minflokk jittieħed iż-Żonqor. Huwa qal illi iż-Żonqor għandu jiġi żvilupatt f'park tal-Inwadar, tiġi *upgraded* il-pixxina li hemm u jsiru faċilitajiet sportivi oħra.

Il-Ministru Owen Bonnici kkonfera illi l-kabinett ikkonferma ż-żarmar tal-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin.

Il-Kunsillier Dr. Erol Cutajar qal li b'mod ġenerali n-nies ma jaqblux li l-AUM tiġi fiż-Żonqor. Huwa qal illi jekk issir hemm iż-żona taż-Żonqor ser tiġi iktar żona kummerċjali milli kif inhi fil-preżent residenzjali. Huwa qal li jabel mal-proposti tal-Viċi Sinkdu u tal-Kunsillier John B. Camilleri u xorta qabel ma jkun hemm suċċess fl-AUM ta' Bormal f'Marsaskala ma tibdiex.

Is-Sindku qal li qed jieħu gost illi kulħadd esprima l-opinjoni tiegħeu u anke wasslu l-messaġġi tan-nies li jitkelmhu magħhom. Huwa qal li għalkemm fil-bidu tal-proposta kien favur ta' dan il-proġett kif rah illi f'Marsaskala ser jsir dormitorju biss u kemm kienet ser tittieħed raba` beda jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu, iżda wieħed għandu jgħati ċans u jara kif ser jiżviluppaw l-affarijiet.

Il-Ministru Owen Bonnici staqsa l-opinjoni tal-Kunsill fuq il-proġett tal-pixxina.

Is-Sindku qal illi fejn ġejja ser jinqalgħa daqsxejn ta kaos minħabba l-isorbju li jista jkun hemm u li hija viċin ħafna tar-residenti u għaldaqstant dan il-proġett għandu jiġi ixxelvjat ftit sakemm tittieħed ideja ċara x ser jsir fuq l-AUM l-ewwel.

Is-Sindku qal li waħda mill-ikbar problemi fil-lokal tagħna hija n-nuqqas ta'parkeġġ u huwa tal-opinjoni illi parti mir-riċiklaġġ għandha issir *multistory cark park* bis-servizz tal-park and ride.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li fl-area tar-riċiklaġġ jista jsir parkeġġ kemm għal istudenti u l-għalliem fl-evaltwalita illi ssir l-AUM hemm u anke jsir parkeġġ għal pubbliku minħabba li l-*area* hija kbira biżejjed u tippermetti dan kollhu.

Il-Ministru Owen Bonnici qal li jekk il-Kunsill jabel għanda issir laqgħa oħra fuq dan is-suġġett tal-AUM għaliex għandhom jittieħdu żewġ deċiżjonijiet importanti, waħda jekk il-grupp ta Saden jibqax waħdu jew jinqad ma investituri Maltin li huma fil-qasam tal-Edukazzjoni u l-oħra jekk il-bini tal-AUM jistax jsir minflokk l-impjant, dejjem wara li ssir konsultazzjoni mal-esperti.

Is-Sindku ressaq proposta lil Ministru sabiex l-art li hemm faċċata tal-*gate* tal-iskola, li tiġi fuq in-niċċa tal-Madonna jinżergħa xi żebbuġ u jsiru xi bankijiet għaliex dik il-biċċa art dejjem maħmuġa. Huwa għamilha ċara illi l-Kunsill mhux qed jitlob devoluzzjoni tal-art imma li tiġi imsebħa aħjar għal użu tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi huwa tal-opinjoni illi l-luzzu li ġab l-istatwa ta Sant'Anna kieku jitpoġġa hemm peress li ħdejn il-knisja.

Il-Ministru Owen Bonnici staqsa fiex jista jgħin il-Kunsill f'dan il-proġett għaliex bħala ħamrija u siġar jistgħu jinġibu min-naħa tal-Ministeru pero` bankijiet ma għandux.

Is-Sindku qal li bħala bankijiet u *railing* nistgħu nitolbu lil FTZD.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jsir bħala *botanic garden*.

Il-Ministru Owen Bonnici temm il-lagħqa billi irringrazzja lil Kunsilliera ta' din l-laqgħa.

11.7.2 **<u>MCCAA REPORT (35/1070/20/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi biex nkunu konformi mar-regolamenti fil-bandli ta' Spazju Rikrejattiv Alfred Debono irid jsir *railing* tal-alunimium sabiex jingħalaq il-gap min fejn jista jgħaddi xi tifel. Huwa qal illi dan ser jiġi jiswa €35 eskluż il-Vat kull *linear metre* li bejn wieħed u ieħor ser jiswa madwar €1500.

11.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:</u>***

***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

11.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

11.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#038 – 26/2/20):</u>**

*'Jipproponi li peress li l-aħħar parti ta' Triq il-Vjola nbniet mill-ġdid u nfetħet għat-traffiku, nipproponi illi issir traffic management tal-area hekk kif ġej:*

- *Triq in-Nadur tibqa kif inhi*
- *Triq il-Vjola issir one way il-vetturi joħorġu fid-direzzjoni lejn Triq tal-Gardiel*
- Triq ta' Gidwet issir one way, il-vetturi jidħlu lejn id-derazzjoni ta' Triq il-Qawsalla.
- Triq Patri Wistin Born minn Triq ta' Gidwet sa Triq il-Vjola issir one way. Il-vetturi jidħlu minn Triq ta' Gidwet għad-direzzjoni ta' Triq il-Vjola.

Is-Sindku irringrazzja lil Kunsillier is-Sur Ryan Portelli tal-*iscetches* li għamel u huwa tal-opinjoni li nipreżentaw iż-żewġ proposti lil TMalta u jaraw huma li tkun l-aħjar proposta.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

11.10 **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2020 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 20 ta' April 2020.

_________________ __________________

**Josef Grech** **Mario Calleja**
Segretarju Ezekuttiv Sindku